MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1861/2001/1

**International Plastering Limited**

**vs**

**Anthony u Maria Lucia konjugi Baldacchino u Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri taghha fis-

somma ta’ erbatax il-elf, erba’ mija u erbgha liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm14,404.85) rapprezentanti din is-somma prezz ta’ appalt maghmul mis-socjetà attrici, liema xoghol gie mkejjel fil-presenza tal-konvenuti li accettaw l-istess kejl; illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut; illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-ammont imsemmi baqghu inadempjenti; illi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu in kontrattazzjoni (*sic*) tat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167 - 170 tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; talbet ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: i) tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikoli 167 - 170 tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; ii) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ erbata(x) il-elf, erba’ mija u erbgha liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm14,404.85); bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid numru 3254/01 u l-mandat ta’ sekwestru numru 3255/01 u l-imghax kummercjali mid-data meta tlesta x-xoghol in kwistjoni kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Sebastiano Guccione, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:

1. Illi preliminarjament ma jezisti l-ebda rapport guridiku bejn l-eccipjent Joseph Baldacchino u s-socjetà attrici, billi kienu l-istess socjetà attrici u l-eccipjenti Anthony u Maria Licia konjugi Baldacchino li ftehmu dwar ix-xoghol involut, u ghalhekk l-eccipjent Joseph Baldacchino ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol li kellu jigi ezegwit mis-socjetà attrici ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, il-valur pretiz mis-

socjetà attrici ghax-xoghol minnha ezegwit huwa eccessiv ghaliex bazat fuq kejl tax-xoghol li mhuwiex korrett;

4. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Anthony Baldacchino, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tmintax (18) ta’ Jannar, 2005 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
“… wara li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tehles lill-konvenut Joseph Baldacchino mill-harsien tal-gudizzju, tiddisponi mit-talba tas-socjetà attrici u mill-eccezzjonijiet l-ohra billi tikkundanna lill-konvenuti konjugi Baldacchino jhallsu lill-attrici tnax-il elf, disa’ mija u tmintax-il lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm12,918.81), flimkien ma’ l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni. L-ispejjez tal-konvenut Joseph Baldacchino thallashom is-socjetà attrici; l-ispejjez l-ohrajn jinqasmu hekk: parti wahda minn sitta (1/6) thallasha s-socjetà attrici u hames partijiet minn sitta (5/6) jhallsuhom il-konvenuti konjugi Baldacchino”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“B’dikriet tad-9 ta’ Mejju 2002 il-qorti hatret lill-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur tax-xogholijiet fid-dawl tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti. Il-perit irrelata fis-16 ta’ Jannar 2003, fit-22 ta’ Jannar 2004, u fl-24 ta’ Frar 2004. Ghalkemm il-perit sab xi differenzi fil-kejl u fir-rati li fuqhom imxiet is-socjetà attrici, u ghalhekk hejja *priced bill of quantities* li ma taqbilx ma’ dik ta’ l-attrici, ghax il-prezz skond il-perit kellu jkun ta’ tnax-il elf, disa’ mija u tmintax-il lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm12,918.81), is-socjetà attrici qablet mal-konkluzjonijiet tal-perit. Il-perit qal ukoll illi, b’xi eccezzjonijiet zghar li ma ghandhomx importanza, ix-xoghol sar kif iridu l-arti u s-sengha.

“Il-qorti toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit; ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa’ t-tielet eccezzjoni billi tghid illi l-prezz ghandu jitnaqqas ghal tnax-il elf, disa’ mija

u tmintax-il lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm12,918.81).

“Fadal li nqisu l-ewwel eccezzjoni, li tghid illi l-konvenut Joseph Baldacchino kien imharrek hazin ghax ma kienx parti fil-ftehim, li sar biss bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti l-ohra.

“Il-konvenuti xehdu illi kull ma ghamel Joseph Baldacchino, li jigi bin il-konvenuti l-ohra, kien li laqqa’ lil missieru, il-konvenut Anthony Baldacchino, mad-direttur ta’ l-attrici, ghax lil dan id-direttur kien jafu billi kien jahdem mieghu ghal xi zmien, u wkoll ghen lil Anthony Baldacchino fin-negozjati billi d-direttur ta’ l-attrici hu taljan u Anthony Baldacchino ma jafx wisq bit-taljan. Fl-*affidavit* tieghu Sebastiano Guccione, id-direttur tas-socjetà attrici, qal illi Joseph Baldacchino ‘gie fuqi u qalli li missieru Anthony Baldacchino ried ikellimni … … …’ Dan juri illi Guccione kien jaf illi kien qieghed jittratta mal-missier, *i.e.* ma’ Anthony, u illi Joseph kien biss il-messaggier u l-interpretu, u ma kienx parti fil-ftehim.

“Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sejra tintlaqa’.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti konjugi Baldacchino illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma u tvarja l-istess sentenza [dik tat-18 ta’ Jannar, 2005] billi tikkonfermaha fil-parti fejn giet milqugha l-ewwel eccezzjoni u allura l-konvenut Joseph Baldacchino gie mehlus mill-harsien tal-gudizzju, u thassarha fil-parti fejn l-esponenti appellanti gew ikkundannati jhallsu lis-socjetà attrici tnax-il elf, disa’ mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm12,918.81) flimkien ma’ l-imghax mitlub fic-citazzjoni, oltre hames partijiet minn sitta (5/6) ta’ l-ispejjez relativi, u minflok tordna lill-esponenti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ tmint elef, disa’ mija u tmintax-il liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm8,918.81) bl-imghax jithallas b’effett mid-data li fiha l-gudizzju jsir finali, oltre dak is-sehem mill-ispejjez li jkun jirrifletti b’mod xieraq ir-rizultanzi akkwisiti”;

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u illi l-aggravji ta’ l-appellanti ghandhom jigu michuda;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-appellanti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. illi meta l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti sabiex ihallsu lis-socjetà attrici l-ammont ta’ Lm12,918.81, stabbilit mill-perit tekniku minnha nominat bhala l-ammont dovut ghall-appalt kollu in kwistjoni, hija naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi, kif ammess mis-socjetà attrici, qabel ma giet intavolata l-kawza, kienet thallset is-somma ta’ Lm4,000 akkont;

2. illi huma ma kellhomx jigu kundannati l-imghax fuq l-ammont minnhom dovut mid-data ta’ meta gie finalizzat l-appalt izda mid-data tas-sentenza;

3. illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“… hemm lok … illi jigi riformat il-qsim ta’ l-ispejjez tal-kawza kif ordnat mill-ewwel Onorabbli Qorti”;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel (1) aggravju ma hemmx wisq x’jinghad. Dak illi qed jissottomettu l-appellanti fir-rigward jirrizulta mill-provi prodotti u huwa ammess mis-socjetà appellata illi, fir-risposta taghha ghar-rikors ta’ appell qalet hekk (fol. 99):
“… hemm qbil bejn l-avukati tal-partijiet rispettivi illi fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti kien hemm zball u konsegwentement is-somma likwidata mill-ewwel Qorti kellu jitnaqqas [*sic*] b’erbat elef lira”;

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposta ta’ appell is-socjetà appellata rribattiet it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti bis-sottomissjoni segwenti (fol. 99):
“Illi it-tieni aggravju huwa legalment infondat. L-attur appellat, fic-citazzjoni tieghu, talab l-imghaxijiet mid-data ta’ meta spiccaw ix-xogholijiet. Hija haga naturali illi fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni dwar l-imghaxijiet da parti tal-konvenut[i] l-ewwel Qorti laqghat it-talba ta’ l-imghaxijiet kif saret. Fil-fatt ma inghatat l-ebda eccezzjoni rigwardanti din it-talba ghall-imghax” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Il-fatti kif esposti f’din is-sottomissjoni tas-socjetà appellata huma korroborati mill-atti processwali. Infatti, mill-att ta’ citazzjoni jirrizulta (fol. 1 *tergo*) illi s-socjetà attrici talbet illi l-konvenuti jigu kundannati jhallsu “… l-imghax kummercjali mid-data meta tlesta x-xoghol in kwistjoni …”. Jirrizulta ukoll illi quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti ma ressqu ebda eccezzjoni kontra t-talba ghall-imghax kif maghmula. Tali eccezzjoni mhix proponibbli fi stadju ta’ appell. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti laqghet it-talba dwar l-imghax, tant illi kkundannat lill-konvenuti appellanti sabiex ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ Lm12,918.81 “flimkien ma’ l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni” (sottolinear ta’ dina l-Qorti).

Ghar-ragunijiet moghtija, it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti qed jigi respint b’dan illi, ghall-precizjoni, qed jigi rilevat illi, in vista ta’ l-akkoljiment ta’ l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellanti, l-imghax ghandu jithallas fuq is-somma ta’ Lm8,918.81;

Ikkunsidrat:

Illi huwa evidenti illi, la darba l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellanti gie milqugh, anke t-tielet (3) aggravju jimmerita akkoljiment. Mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi t-talba attrici kienet illi l-konvenuti jigu kundannati jhallsu Lm14,404.85 u illi l-ammont realment dovut mill-konvenuti huwa ta’ Lm8,918.81, hija l-fehma ta’ dina l-Qorti illi l-

ispejjes gudizzjarji ta' l-ewwel istanza - b'eccezzjoni ta' dawk rigwardanti l-konvenut Joseph Baldacchino, illi ghandhom jibqghu kif deciz fis-sentenza appellata - ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mis-socjetà attrici u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenuti appellanti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

1. tirrevokaha kwantu kkundannat lill-konvenuti konjugi Baldacchino jhallsu lis-socjetà attrici Lm12,918.81 u, minflok tikkundanna lill-istess konjugi Baldacchino sabiex ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' tmint elef, disgha mija u tmintax-il lira maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm8,918.81);

2. tirrevokaha kwantu ordnat testwalment "… l-ispejjez l-ohrajn jinqasmu hekk: parti wahda minn sitta (1/6) thallasha s-socjetà attrici u hames partijiet minn sitta (5/6) jhallsuhom il-konvenuti konjugi Baldacchino" u, minflok, tordna illi dawn l-ispejjez jigu sopportati kwantu ghal tlett ottavi (3/8) mis-socjeta` attrici u kwantu ghal hames ottavi (5/8) mill-konvenuti konjugi Baldacchino;

3. tikkonfermaha ghall-kumplament, inkluz minn meta ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet.

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenuti appellanti u kwantu ghal nofs (1/2) mis-socjetà attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------